MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2011

Numru. 1319/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Steven Azzopardi**
**Matthew Mercieca**
**Lee Anthony Degiorgio**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Steven Azzopardi detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 318186M; Matthew Mercieca detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 318586M; u Lee Anthony Degiorgio detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 120682M

Akkuzati talli b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. Nhar il-11 ta' Novembru 2011 ghall-habta tal-17:20hrs, minn gewwa is-Civic Aminity Site, li tinsab fil-Qasam Industrijali tal-Imriehel, ikkommettew serq ta' diversi ogetti fosthom monitors, u computer towers liema serq huwa aggravat bil-vjolenza numerika, bl-ammont li jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin Euro u tlieta u disghin Ewro centezmu (€232.93) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-persuna u dan ghad-detriment tal-kumpanija Waste Serv u/jew il-Gvern ta' Malta u/jew persuna/i jew entitajiet ohra.

2. Nhar il-15 ta' Novembru 2011 ghall-habta tal-10:40hrs, minn gewwa is-Civic Aminity Site, li tinsab fil-Qasam Industrijali tal-Imriehel, ikkommettew serq ta' diversi ogetti fosthom monitors, u computer towers liema serq huwa aggravat bil-vjolenza numerika, bl-ammont li jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin Euro u tlieta u disghin Euro centezmu (€232.93) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-persuna u dan ghad-detriment tal-kumpanija Waste Serv u/jew il-Gvern ta' Malta u/jew persuna/i jew entitajiet ohra;

3. Nhar il-21 ta' Novembru 2011 ghall-habta tal-16:50hrs, minn gewwa is-Civic Aminity Site, li tinsab fil-Qasam Industrijali tal-Imriehel, ikkommettew serq ta' diversi ogetti fosthom monitors, u computer towers liema serq huwa aggravat bil-vjolenza numerika u bil-persuna u dan ghad-detriment tal-kumpanija Waste Serv u/jew il-Gvern ta' Malta u/jew persuna/i jew entitajiet ohra;

4. Nhar is-16 ta' Ottubru 2011 ghall-habta tal-11:00hrs, minn gewwa is-Civic Aminity Site, li tinsab fil- Qasam Industrijali tal-Imriehel, ikkommettew serq ta' diversi ogetti fosthom monitors, u computer towers liema serq huwa aggravat bil-vjolenza numerika u bil-persuna u dan ghad-detriment tal-kumpanija Waste Serv u/jew il-Gvern ta' Malta u/jew persuna/i jew entitajiet ohra;

5. Matul ix-xhur ta' Ottubru u Novembru 2011 f'dati differenti minn dawk imsemmija fl-akkuzi l-ohra, minn

gewwa is-Civic Aminity Site, li tinsab fil- Qasam Industrijali tal-Imriehel, ikkommettew serq ta' diversi ogetti fosthom monitors, u computer towers liema serq huwa aggravat bil-vjolenza numerika, bl-ammon t li jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin Euro u tlieta u disghin Euro centezmu (€232.93) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-persuna u dan ghad-detriment tal-kumpanija Waste Serv u/jew il-Gvern ta' Malta u/jew persuna/i jew entitajiet ohra.

Lill Steven Azzopardi u Matthew Mercieca flimkien akkuzati wkoll talli:

1. Matul ix-xahar ta' Novembru 2011 u fil-granet u ix-xhur ta' qabel xjentement f'Malta laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, li l-valur taghhom jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin Euro u tlieta u disghin Ewro centezmu (€232.93) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) mehudin b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghu jew imexxu dawn l-oggetti,

Lil Steven Azzopardi wahdu nakkuzawh ukoll talli:
1. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-Srtikoli 49 u50 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

Rat l-ezami tal-imputat li wiegbu hatja, u l-konferma ta' tali ammssjoni wara li nghataw iz-zmien opportun sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikol 18, 49, 50, 261 u 334 tal-Kodici Kriminali 9 qed issib lill-imputati Steven Azzopardi, Matthew Mercieca u Lee Anthony Degiorgio hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrihom u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 qed tpoggi lil Steven Azzopardi taht Probation Order ta' tlett (2) snin u lil Matthew Mercieca u Lee Anthony Degiorgio taht Probation Order ta' sentejn (2) kull wiehed.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjoni jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------